

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/733

tal-5 ta' Mejju 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 887/2011 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/961 fir-rigward tal-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' *Enterococcus faecium* CECT 4515 bħala addittiv tal-għalf, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1395 fir-rigward tal-isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' *Bacillus amyloliquefaciens* CECT 5940 bħala addittiv tal-għalf

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u jipprevedi r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.
- (2) Evonik Nutrition & Care GmbH ressqet applikazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 biex tipproponi bidla fl-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni kif stipulat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 887/2011 ⁽²⁾, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/961 ⁽³⁾ u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1395 ⁽⁴⁾.
- (3) L-applikant iddikjara li Evonik Nutrition & Care GmbH biddlet l-isem għal "Evonik Operations GmbH". Mal-applikazzjoni intbagħtet ukoll id-*data* ġustifikattiva rilevanti.
- (4) Dik il-bidla proposta fit-termini tal-awtorizzazzjoni għandha natura purament amministrattiva u ma tinvolvi valutazzjoni ġdida tal-addittiv ikkonċernat. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ġiet mgħarrfa bl-applikazzjoni.
- (5) Biex l-applikant ikun jista' jisfrutta d-drittijiet tal-kummerċjalizzazzjoni tiegħu bl-isem ta' Evonik Operations GmbH, jeħtieġ jinbidlu t-termini tal-awtorizzazzjoni.
- (6) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 887/2011, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/961 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1395 jenħtieġ jiġu emendati skont dan.
- (7) Ir-raġunijiet tas-sikurezza ma jeħtiġux l-applikazzjoni immedjata tal-emenda li qed issir b'dan ir-Regolament għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 887/2011, għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/961, u għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1395, u għalhekk jixraq jiġi stipulat perjodu tranżizzjonali li matulu jkun jistgħu jintużaw il-ħażniet eżistenti.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 887/2011 tal-5 ta' Settembru 2011 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-*Enterococcus faecium* CECT 4515 bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ tas-simna (detentur tal-awtorizzazzjoni Norel S. A.) (ĠU L 229, 6.9.2011, p. 7).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/961 tas-7 ta' Ġunju 2017 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-*Enterococcus faecium* CECT 4515 bħala addittiv tal-għalf għall-ħnienes miftuma u ta' użu ġdid tagħha fl-ilma tax-xorb għall-ħnienes miftuma u għat-tiġieġ tas-simna, u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2036/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 887/2011 (detentur tal-awtorizzazzjoni Evonik Nutrition & Care GmbH) (ĠU L 145, 8.6.2017, p. 7).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1395 tal-5 ta' Ottubru 2020 dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-*Bacillus amyloliquefaciens* CECT 5940 bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għas-simna, l-awtorizzazzjoni tiegħu għat-tiġieġ imrobbija għall-bajd, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1292/2008 (detentur tal-awtorizzazzjoni Evonik Nutrition & Care GmbH) (ĠU L 324, 6.10.2020, p. 3).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 887/2011

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 887/2011 huwa emendat kif ġej:

- (1) fit-Titolu, il-kelmiet “detentur tal-awtorizzazzjoni Evonik Nutrition & Care GmbH.” huma sostitwiti bil-kelmiet “detentur tal-awtorizzazzjoni Evonik Operations GmbH”;
- (2) fit-tieni kolonna tal-Anness, “Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni”, il-kelmiet “Evonik Nutrition & Care GmbH” huma sostitwiti bil-kelmiet “Evonik Operations GmbH”.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/961

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/961 huwa emendat kif ġej:

- (1) fit-Titolu, il-kelmiet “detentur tal-awtorizzazzjoni Evonik Nutrition & Care GmbH.” huma sostitwiti bil-kelmiet “detentur tal-awtorizzazzjoni Evonik Operations GmbH”;
- (2) fit-tieni kolonna tal-Anness, “Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni”, il-kelmiet “Evonik Nutrition & Care GmbH” huma sostitwiti bil-kelmiet “Evonik Operations GmbH”.

Artikolu 3

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1395

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1395 huwa emendat kif ġej:

- (1) fit-Titolu, il-kelmiet “detentur tal-awtorizzazzjoni Evonik Nutrition & Care GmbH.” huma sostitwiti bil-kelmiet “detentur tal-awtorizzazzjoni Evonik Operations GmbH”;
- (2) fit-tieni kolonna tal-Anness, “Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni”, il-kelmiet “Evonik Nutrition & Care GmbH” huma sostitwiti bil-kelmiet “Evonik Operations GmbH”.

Artikolu 4

Miżuri tranżizzjonali

Il-ħażniet eżistenti tal-addittivi li huma konformi mad-dispożizzjonijiet li japplikaw qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu jitmigħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw kollha.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN